

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-1 ta' Lulju 2008 —
Região autónoma dos Açores vs Il-Kunsill**

(Kawża T-37/04) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 1954/2003 — Sajd — Immaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd — Żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità — Rikors imressaq minn entità reġjonali — Persuni individwalment ikkonċernati — Inammissibbiltà)

(2008/C 209/71)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Região autónoma dos Açores (il-Portugal) (rappreżentanti: inizjalment M. Renouf, S. Crosby, C. Bryant, solicitors, u H. Mercer, barrister, wara M. Renouf, C. Bryant u H. Mercer)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Monteiro u F. Florindo Gijón, aġenti)

Intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti: Seas at Risk VZW, li qabel kienet Stichting Seas at Risk Federation (Brussell, il-Belġju); WWF — World Wide Fund for Nature, (Gland, l-Iżvizzera); u Stichting Greenpeace Council (Amsterdam, l-Olanda) (rappreżentanti: R. Buxton, Solicitor, u D. Owen, Barrister).

Intervenjenti in sostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: T. van Rijn u B. Doherty, aġenti) u r-Renju ta' Spanja, (rappreżentant: N. Díaz Abad, abogado del Estado)

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95 (KE) (ĠU 2003 L 289, p. 1)

Dispożittiv

1. Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
2. Ir-Região autónoma dos Açores għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-Kunsill, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
3. Ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
4. Seas at Risk VZW u WWF — World Wide Fund for Nature għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

5. Stichting Greenpeace Council għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati ma' din il-kawża.

6. Porto de Abrigo — Organização de Produtores da Pesca CRL u GÊ-Questa — Associação de Defesa do Ambiente għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 94, 17.4.2004.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 —
AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-99/04) ⁽¹⁾

(Kompetizzjoni — Akkordji — Perossidi organiċi — Multi — Artikolu 81 KE — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal smigħ xieraq — Kunċett ta' awtur ta' ksur — Prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni (nullum crimen, nulla poena sine lege) — Prinċipju ta' ċertezza legali — Aspettattivi leġittimi)

(2008/C 209/72)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: AC-Treuhand AG (Zurich, l-Iżvizzera) (rappreżentanti: M. Karl, C. Steinle u J. Drolshammer, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Bouquet, aġent, assistit minn A. Böhlke, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2005/349/KE, ta' l-10 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skond l-Artikolu 81 [KE] u ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-2/37.857 — Perossidi organiċi) (ĠU 2005, L 110, p. 44).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) AC-Treuhand AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 118, 30.4.2004.